# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 260 :: JANNAR, 2018**



***Editur: Paul Vella***
paul.vella44@gmail.com


*Il-President u l-Kumitat*
*tal-Grupp Letteratura Maltija*
*tal-Victoria jixtiequ lill-membri kollha*
*u l-familji tagħhom u lill-qarrejja*
*tal-Folju tagħna*




*Sena Ġdida*
*mimlija saħħa, risq, barka u sliem!*

## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Minħabba li l-aħħar Ġimgħa ta' Jannar tiġi Australia Day, il-laqgħa li tmiss, se tkun l-aħħar Ġimgħa ta' Frar , jiġifieri nhar il-Ġimgħa, **23 ta' Frar, 2018,** fiċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fis-7.30 pm. Il-membri kollha mistiedna li jġibu xi xogħol biex jinqara f'din il-lejla. Jekk jogħġobkom ippruvaw li tkunu hemm fil-ħin. Nixtiequ naraw aktar membri jattendu għal dawn il-laqgħat, għalhekk ħajru lill-membri tal-familja u lil ħbiebkom biex jiġu u jsiru membri tal-Grupp tagħna.

## Terġax tmiddni fil-maxtura

Bħalma nagħmel ta' kull sena
meta joqrob il-Milied
il-presepju bdejt biex narma
b'għaġla xejn, kollox bil-kwiet.

Waqt li bdejt narma l-pasturi,
baqra, ħmara w nagħaġ ċkejknin,
smajt bħal leħen ikellimni
mill-fomm ħelu tal-Bambin.

"Terġax tmiddni fil-maxtura
ġo dak l-għar, mudlam, bla sura.
Nieżla x-xita, qam ir-riħ,
hemm se nerġa' nbati l-ksieħ.
Sibli post għall-kenn u r-rdoss,
post fejn ebda ksieħ ma nħoss."

U waqaft bil-Bambin f'idi,
b'ħarsti mwaħħla fiss f'għajnejh.
Fhimt li stajt naqtagħlu xewqtu
billi nżid imħabbti lejh.

"Ġesù," għedtlu, "din is-sena
mill-maxtura se nneħħik.
Sibtlek post fejn tkun għal qalbek,
ġewwa qalbi se npoġġik."

***Carmel G. Cauchi***

## The Confectioner's Daughter



**Lou Drofenik with Horizons' Representatives**

***Winner of the 2017 National Book Award (Malta) for the best novel written in Maltese or English which was published in 2016. — Author: Lou Drofenik — Publisher: Horizons***

When Ġuditta Vassallo inherits her father's bakery after his death, she employs young Alfio Visconti, a Sicilian to help her out. From the very start of his employment Alfio wishes to turn the bakery into a confectionery, something which does not eventuate in his lifetime. Left on her own, with a daughter to raise, Ġuditta manages to build her wealth through hard work and determination. The setbacks which come her way, rather than bringing her down strengthen her.

Frances, her granddaughter escapes the strictures of family life and migrates to Sydney after she marries by proxy. Here she finds herself alone in a world of deceit and corruption. Rather than freeing her, migration binds her even further. Just like her grandmother, Frances raises herself above all this and becomes a successful woman.

The Confectioner's Daughter is a novel which tells the story of four generations of women. It is a story of love, lost innocence and struggle. It pays homage to Maltese women and celebrates their lives, their resilience and their courage.

In his comments written after the National Book Award night, Mark Camilleri, head of the National Book Council (Malta) writes that, 'Drofenik's book will form an important part within the body of Maltese literature, a book which reads just like a film from Tornatore and without doubt could be turned into an amazing movie.'

Lou Drofenik (Zammit) was born in Malta and lives in Australia. Her novels deal with Maltese migration and the issues women face when they leave their culture. Her novels have won various awards both in Malta and in Australia.

Those who want more information regarding this novel can email the author: loudrof@hotmail.com or Horizons in Malta.

# Kiteb l-ewwel poeżija fi tfulitu meta tilef lil ommu



Meqjus bħala wieħed mill-vuċijiet prominenti li ħarġu mill-Moviment Qawmien Letterarju fit-tieni nofs tas-snin sittin, Victor Fenech ġie ppremjat għall-kontribut siewi fil-letteratura.
Viżibbilmet sodisfatt għar-rikonoxximent li kiseb fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, is-Sur Fenech stqarr ma' Television Malta li jiftakar qisu lbieraħ meta kiteb l-ewwel poeżija.
"Darba kont ktibt waħdi – għax jien mititli ommi meta kont għadni żgħir, meta kelli 13-il sena, u bid-dwejjaq li kelli ktibt poeżija. Niftakar, ħabib tiegħi Richard Matrenza, li naħseb hawnhekk kulħadd jafu, kien qalli,'Ħa naraha mbagħad għada nkellmek.'"jir-rakkonta Fenech. "Kien mar biha għand Karmenu Vassallo u ġie lura u qalli: 'Qallek Karmenu tajba ħafna din il-poeżija' – dik kienet il-bidu nett."
Fost l-aktar ġabra ta' xogħlijiet li baqgħet ittih sodisfazzjon kienet f'Altamira, fejn introduċa l-poeproża fil-letteratura Maltija, li hija riflessa fil-biċċa l-kbira tax-xogħlijiet tiegħu. Fost il-poeproża li jibqa' magħruf għaliha hemm Iż-Żabra, Pitiross, Tradiment u Samuraj.
L-indeċiżjoni, id-delużjoni bl-istituzzjonijiet, il-kuxjenza soċjali u s-sens ta' immedjatezza li għandu jkollha l-poeżija huma wħud mix-xejriet li jiddistingwu lis-Sur Fenech u li jiddefinuh tul il-mixja poetika tiegħu. "Il-ħolma tiegħi hija li għad nikteb l-istorja ta' dawn is-sittin sena li ilni f'dan il-qasam."
Fil-Berġa ta' Kastilja, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ippremja numru ta' awturi u pubblikaturi għall-kontribut lettararju li taw lis-soċjetà Maltija s-sena li għaddiet. Il-premjijiet ġew ippreżentati mill-Prim Ministru Joseph Muscat.
Il-President Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, Mark Camilleri, qal li l-Kunsill issa sar entità legali u akkwista binja storika fil-Belt, li se sservi bħala kwartieri ġodda tal-Kunsill.
Il-Prim Ministru Joseph Muscat feraħ lill-aġenti letterarji lokali: il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, pubblikaturi u l-awturi nfushom tal-ħidma tagħhom biex tinħoloq ekosistema b'saħħitha ta' kotba u qarrejja f'pajjiżna.

***Kitba ta' Melvic Zammit***

# Maltese Grammar Essentials in Context 3




Charles Daniel Saliba, l-awtur tas-serje bilingwi Malti-Ingliż Malti għall-Barranin, għadu kemm ippubblika l-aħħar ktieb ta' din is-serje bl-isem: Maltese Grammar Essentials in Context 3. Issa s-serje tammonta għal 14-il ktieb maqsuma fuq l-ewwel tliet livelli tal-Common European Framework for Languages akkumpanjat minn CD jew USB u tliet sillabi.

Dan il-ktieb hu mfassal bħaż-żewġ kotba tal-grammatika ta' qablu iżda jittratta aspetti tal-grammatika f'aktar dettall. Dan kollu jsir f'kuntest għaliex il-grammatika tinħareġ minn testi varji li jippreżentaw sitwazzjonijiet li niltaqgħu magħhom fil-ħajja ta' kuljum. Billi dan huwa grammatika f'kuntest, min jużah ikun jitħarreġ fl-erba' ħiliet tal-lingwa.

Is-CD tas-serje ġie aġġornat biex jinkludi s-sezzjonijiet li jinqraw f'dan il-ktieb biex b'hekk min jużah ikun jista' jisma' kelliema nattivi jaqraw is-siltiet jew id-djalogi. Il-files tas-serje ġew maqluba wkoll fuq USB biex ikunu aċċessibbli għal aktar mezzi teknoloġiċi.

Is-sena d-dieħla, l-ewwel tliet kotba tas-serje li jinsabu f'livell A1 se jinqalbu għal verżjoni Malti-Taljan bil-kotba jkunu: Le mie prime 750 parole in maltese,Grammatica maltese essenziale e contestuale 1, u Parlo maltese 1.

Fl-2015 Saliba ggradwa f'livell ta' Dottorat mill-Università ta' Sheffield, fl-Ingilterra, fejn speċjalizza fit-tagħlim tal-Malti għall-barranin sponsorjat minn borża ta' studju tal-MGSS. Hu ppubblika r-riċerka tiegħu bit-titlu, 'Teaching Maltese as a second language to adults', din is-sena stess f'kapitlu fil-ktieb Informing Educational Change: Research Voices from Malta, editjat minn D. Hyatt, P. Clough u C. Nutbrown. Il-ktieb ġie ppubblikat mill-Università ta' Sheffield. Għal aktar informazzjoni, żur www.charlesdanielsaliba.com.

# "Id-Dragun tad-Dragonara"




X'kien dak is-sħab iswed imdendel fuq ir-raħal ta' Ħal Parsott? Għaliex il-murtali tal-festa ma kinux qegħdin jieħdu? Għaliex Teo kien qed jiġi mwarrab mill-Parsottin koll-ha? X'kien is-sigriet li Teo kellu ma' dik is-siġra kbira tat-tin? Ta' min kien dak il-leħen misterjuż li kellem lil Teo? Għaliex dak il-leħen bagħat lil Teo jiltaqa' mad-Dragun tad-Dragonara? X'ġara wara l-laqgħa li Teo kellu mad-Dragun?
Ktieb ġdid minn "Pubblikazzjoni Preca"
Id-Dar Editriċi "Pubblikazzjoni Preca", għadha kemm ippubblikat ktieb ġdid bl-isem "Id-Dragun tad-Dragonara". Dan huwa traduzzjoni u adattament għall-Malti mill-Ingliż ta' Elizabeth-Anne Stewart, "The Day the Fireworks Died". Il-verżjoni bil-Malti, kitba u addattament ta' Carmel G. Cauchi, hija intiża l-aktar għal persuni minn 12-il sena 'l fuq u għandha tmur tajjeb mal-adolexxenti. Il-ktieb qiegħed jinbiegħ bil-prezz ta €4.90 l-kopja.

## PREMJU MOGĦTI LIL PAUL ZAHRA GĦALL-KTIEB MARCEL PROUST: GĦAT-TFITTXIJA TAŻ-ŻMIEN MITLUF: MIX-XAQLIBA TA' DAR SWANN COMBRAY




Paul Zahra twieled fl-1960. Hu beda l-karriera professjonali tiegħu bħala għalliem fl-1986. Matul il-karriera tiegħu bħala għalliem hu għallem it-traduzzjoni bejn żewġ lingwi lil studenti tal-Franċiż, flimkien mal-letteratura Franċiża u l-Oqsma tal-Għerf; ilu jaħdem mill-2004 'l hawn bħala traduttur full-time mal-Kummissjoni Ewropea. L-interess tiegħu fit-traduzzjoni letterarja jmur lura lejn id-disgħinijiet meta beda jaħdem fuq it-traduzzjoni tar-rumanz Meaulnes it-Twil ta' Alain-Fournier, li sussegwentement ġie ppubblikat minn Faraxa fl-2012. Il-pubblikazzjoni fl-2013 tat-traduzzjoni tiegħu tan-novella Id-dar tal-qattus bir-rakketta f'idu ta' Balzac hi l-ewwel traduzzjoni li tidher fis-sensiela Kollezzjoni Traduzzjonijiet Letterarji (KTL). It-traduzzjoni bil-Malti tar-rumanz epiku Salammbô ta' Gustave Flaubert fl-2014 rebbħitu l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fil-Qasam tat-Traduzzjoni.

Fl-2015 ippubblika Il-Kappillan ta' Tours ta' Honoré de Balzac u fl-2016 it-traduzzjoni ta' Combray ta' Marcel Proust li hi l-ewwel parti ta' Mix-Xaqliba ta' Dar Swann – l-ewwel rumanz mis-seba' rumanzi ta' Għat-Tfittxija taż-Żmien Mitluf ta' Marcel Proust u li din is-sena rebbħitu għat-tieni darba l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fil-Qasam tat-Traduzzjoni. Attwalment, Zahra wasal fil-fażi finali tat-tieni parti ta' Mix-Xaqliba ta' Dar Swann li se ġġib l-isem ta' Imħabba ta' Swann. Għandu wkoll diversi traduzzjonijiet qosra li jidhru f'rivisti lokali fosthom Il-Malti u Leħen il-Malti u numru ta' kitbiet dwar it-teorija tat-traduzzjoni li huma disponibbli fuq academia.com.

Zahra għandu B.Ed. (Hons) mill-Università ta' Malta u Master's fl-analiżi testwali mill-Università ta' Poitiers (Franza). Għandu wkoll diploma fit-tagħlim tal-Franċiż bħala lingwa barranija. L-istudji tat-traduzzjoni, il-letteratura klassika u moderna flimkien mal-istorja u l-kultura klassika huma l-oqsma ewlenin ta' l-interess tiegħu.

Id-dar ewlenija tal-kotba Kite Group għadha kemm ippubblikat il-ktieb Anton Tabone Il-Pont bejn il-Gżira Reġjun u Malta Nazzjon miktub minn Sergio Grech, awtur tal-ewwel ktieb li ppubblikat il-kumpanija msemmija. L-ewwel ktieb kien il-bijografija tat-tabib Alexander Cachia Zammit li ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-qarrejja Maltin.

F'dan il-ktieb il-ġdid Grech jitfa' d-dawl fuq il-ħajja politika ta' Anton Tabone, politiku Għawdxi, li ħajtu ddedikaha biex Għawdex reġjun ikun protagonist fl-ekonomija ta' Malta nazzjon sew meta kien deputat fl-Oppożizzjoni kif ukoll meta kien Ministru għal Għawdex.

Grech juri kif Tabone nqata' sa ċertu punt minn sħabu d-deputati l-oħra tal-Partit Nazzjonalista u ta dimensjoni u tifsira ġdida tal-kelma Għawdex fil-Parlament: l-ogħla istituzzjoni nazzjonali. Grech jirrakkonta diversi dwelli li Tabone kellu ma' Duminku Mintoff, Anton Buttigieg, Lorry Sant, Pawlu Xuereb u oħrajn għax ħass li Għawdex mhux rispettat u mhux jingħata l-attenzjoni li ħaqqu.



Il-ħidma ministerjali tiegħu kienet importanti biex Għawdex ikollu għadd ta' servizzi ġodda. Saret ħidma biex il-frekwenza tat-traġitti tal-vapur tikber u fuq kollox servizzi li tejbu l-komunikazzjonijiet bejn il-fliegu li ħafna drabi ddeterminaw l-insularità doppja ta' Għawdex. Paradossalment f'dan is-settur 20 sena ilu konna aħjar.

Grech jevalwa kif matul is-snin issarrfet l-idea li l-pajjiż ikollu ministru speċifikament għal Għawdex u jara wkoll kif Għawdex ġie ttrattat fi programmi u manifesti elettorali mill-1921 sal-2017. Din il-bijografija hi xi ftit differenti mill-formula tas-soltu u ma timxix kronoloġikament.

Barra l-bijografija ta' Anton Tabone, il-ktieb hu wkoll bijografija ta' Għawdex. Hu ċ-ċavetta essenzjali għal min irid ikun jaf lil Għawdex politikament.

Il-ktieb ma jonqsux ukoll inċidenti ħelwin u jimla l-vojt dwar temi li f'Malta ftit ingħataw importanza mill-istudjużi Maltin. Pereżempju l-Kunsill Ċiviku. Aspett li jingħata ċertu importanza hu l-Kunsill Reġjonali li llum sar wegħda politika kostanti u li Tabone dejjem ħadem għalih.

# Monsinjur Arċidjaknu Luiġi Vella – miet 90 sena ilu!




Illum xtaqt niġbdilkom l-attenzjoni, għeżież qarrejja, dwar wieħed mill-Għawdxin kbar li għenu ħafna bil-kitba tagħhom biex jixxerred il-qari Malti u jibda jieħu xejra mirquma bħalma ħa llum; qed nirreferi għall-magħruf kittieb Monsinjur Arċidjaknu Luiġi Vella, li iktar tard din is-sena se jkun qed jagħlaq disgħin sena minn mewtu.

Monsinjur Vella twieled fil-Belt Victoria fis-17 ta' Diċembru 1859. Fl-età ta' tnax-il sena Luiġi daħal fl-iskola sekondarja tal-Gvern u wara ħames snin, għadda għas-Seminarju t'Għawdex, dak iż-żmien taħt idejn il-Patrijiet Ġiżwiti. Fi żmien għaxar snin huwa spiċċa l-istudji tiegħu u ġie ordnat saċerdot fid-19 ta' Diċembru 1882. Meta ħalla s-seminarju wara li kien qagħad għal xi snin bħala prefett u surmast, Dun Alwiġ ta ruħu u ġismu għall-ħidma saċerdotali. Insibu li ta' kull filgħaxija, huwa kien jiġbor it-tfal, il-ġuvintur u l-irġiel, l-aktar dawk bierda u traskurati, fil-knisja ta' Savina biex jgħallimhom u jressaqhom lejn is-Sagramenti Mqaddsa.

Fis-sena 1887 huwa sar kappillan fl-isptar ċivili ta' beltna fejn dam għal madwar tnax-il sena. Kien ilu sbatax-il sena saċerdot meta Dun Alwiġ ġie maħtur Kanonku Teologu fil-knisja katidrali wara eżami kompetittiv. Wara eżami ieħor, fl-1900, Monsinjur Vella ħa l-lawrja fit-Teoloġija. Disa' snin wara, Dun Alwiġ inħatar biex jokkupa l-katedra tat-Teoloġija Dommatika fis-Seminarju t'Għawdex u dam professur ta' din ix-xjenza sagra għal tmintax-il sena.

Monsinjur Vella, mhux biss bħala predikatur u professur, kien jaqdi d-dmirijiet saċerdotali tiegħu. Kien ukoll direttur spiritwali tas-Sorijiet Dumnikani u Franġiskani u konfessur imfittex ħafna għal erbgħin sena sħaħ.

Monsinjur Vella għamel opri kbar fil-Knisja tal-Adorazzjoni ta' Savina. Fl-1902 huwa ta bidu sabiex jibni mill-ġdid il-knisja l-qadima. Din tlestiet fid-29 ta' April 1923, meta l-Kardinal Testaferrata, legat tal-Papa, fetaħha bħala l-Knisja tal-Adorazzjoni Perpetwa. B'sodisfazzjon ngħidu li din il-knisja għadha wieqfa u għadna nsibuha miftuħa l-ġurnata kollha sajf u xitwa biex tilqa' fiha adoraturi mhux biss minn Għawdex u Malta imma wkoll ħafna barranin li ta' spiss ninnutahom jidħlu jagħmlu xi żjara qasira meta mhux ukoll biex jiġbdu xi ritratt ta' tifkira waqt il-btala tagħhom. Illum din il-Knisja tal-Adorazzjoni jieħu ħsiebha Monsinjur Dun Gużepp Gauci, mgħobbi sew bis-snin, li ħa post ħuh, Alla jaħfirlu, l-Arċidjaknu Mons. Giovanni Bosco Gauci li jiġi mill-qrib sew Mons. Luigi Vella. L-Isqof Camilleri kien ħatar lill-Monsinjur Luiġi Vella bħala l-ewwel rettur tagħha. Għall-attivitajiet kbar tiegħu, il-Papa Piju Ħdax żejjen lill-Monsinjur Vella bil-Medalja Benemerenti filwaqt li l-Papa Leone Tlettax kien tah id-dekorazzjoni "Pro Ecclesia et Pontefice". Il-Papa llum qaddis, San Piju Għaxra, ried jaħtru bħala Kuġitur tal-Arċisqof Pietru Pace ta' Malta – unur u piż li fl-umiltà tiegħu, Monsinjur Vella beża' jaċċetta. Fit-12 ta' Marzu 1923, Ruma għażlitu arċidjaknu tal-Katidral ta' Għawdex.

Imma Monsinjur Arċidjaknu Luiġi Vella jibqa' mfakkar mhux biss bħala rettur u kanonku tal-Katidral, imma wkoll bħala wieħed mill-aħjar kittieba Għawdxin li tant ħadem bil-pinna tiegħu sabiex ixerred il-kitba bil-Malti fi żmienu. Vella kiteb bosta kotba bil-Malti, kotba spiritwali tal-meditazzjoni u l-adorazzjoni, kotba fuq ħajjiet ta' martri u fuq il-fidi, kotba storiċi fuq il-ġrajjiet tal-gżira Għawdxija. Kien ukoll għal tant snin direttur tal-perjodiku "L-Ewkaristija – Ħabbar ta' Gesu Sagramentat". Qabel dan ix-xogħol, kien joħroġ ta' kull xahar "Id-Devot ta' Marija". Bla dubju ta' xejn, ritratt l-aktar ġenwin u ċar ta' Monsinjur Luiġi Vella nistgħu neħduh bla tbatija mill-għadd kbir ta' kotba li hu ħalla warajh. Illum wara disgħin sena minn mewtu forsi ma fadalx Għawdxin li jiftakruh għax kieku kienu jistgħu jixhdu għall-qdusija u l-għerf tiegħu, imma l-opri tiegħu jistgħu jgħidulna sewwa xi kwalità ta' bniedem kien u ta' liema xorta kienu l-idejat tiegħu fuq il-ħajja, il-problemi u l-valuri tagħha.

Biex bena r-rumanzi storiċi tiegħu, l-Arċidjaknu Vella ħtieġlu kemm-il darba jqalleb fl-arkivji ta' Sqallija. Bosta drabi huwa kien ixebbaħ x'qalu l-kittieba Għarbin u Sqallin ma' dak tal-kittieba Maltin, biex b'hekk jirnexxilu joħroġ b'fatti storiċi u konkreti, veri u eżatti. Huwa ta daqqa t'id siewja ħafna lis-Sur Fonz Marija Galea fil-kitbiet tiegħu "Mogħdija taż-Żmien". Insibu li f'din il-ġabra, in-numri 63, 69, 70 u 125 huma kollha miktuba minn dan l-istoriku tagħna. Fost ix-xogħlijiet tiegħu, għandna r-rumanz storiku "Nikol Abdul" jew aħjar "L-Aħħar snin tal-Għarab fil-Gżejjer tagħna", li jien kont imqabbad mill-Klabb Kotba Maltin biex nirrevedi mill-ġdid l-ortografija tiegħu biex seta' jiġi ppubblikat għal darba oħra u spiċċa anke snin minnhom fost il-kotba fis-sillabu tal-Matrikola tal-Malti. Barra dan il-ktieb, Mons Vella ħallielna wkoll ir-rumanzi "Bint il-Ħakem", "Ferdinandu Montanier" – storja Għawdxija, "Bernardo De Puo'" – rakkont Għawdxi fi żmien il-Gran Mastru D'Omedes, "Eufrosina" – warda rari ta' Marija, "Il-General Ruman", "San Mamante" – rakkont tas-seklu tlieta, "Isolda" – rakkont Malti, kif ukoll "Abdullah Għaxrif", li Mons. Vella kiteb b'tifkira tal-Kungress Ewkaristiku f'Malta fis-sena 1913.

Għad li l-ortografija tal-Malti ħadet xejra oħra miż-żmien li fih kiteb l-Arċidjaknu Monsinjur Luiġi Vella, jibqa' l-fatt li dan is-saċerdot kien wieħed fost il-kittieba ewlenin li ta lill-poplu bosta kotba reliġjużi, storiċi, kif ukoll tal-mogħdija taż-żmien. Huwa kellu pinna tajba, mexxejja u idjoma mill-aħjar. Xhieda ta' dan kollu hija s-silta qasira li aħna ħadna mir-rumanz storiku tiegħu "Nikol Abdul" u li biha naslu fi tmiem dan il-profil li jien xtaqt nikteb biex infakkar id-disgħin sena minn mewtu li ġrat fis-17 ta' Lulju 1928.

Nikola ta' Abdul, jew kif kienu jsibuh l-Għarab, 'Ħalif', kien Għawdxi. Imrobbi tajjeb minn ommu fir-reliġjon nisranija u mbagħad minn Patri Gawdenz, mill-Kunvent tal-Madonna tal-Ferħ jew ta' Gajdoru, li dak iż-żmien l-Agostinjani kellhom fir-Ramla, f'żgħożitu, niesu bagħtuh Sqallija jitgħallem f'Paliermu, fejn sar jaf lil Tarik, u daħal fil-Milizia, f'riġment li kellu bi Kmandant tiegħu lill-istess Tarik. Mibgħut dan ir-Riġment f'Għawdex mill-Emir ta' Sqallija, Nikol ġie wkoll miegħu taħt l-istess Kmandant. Għalkemm Nikol kien jinsab qalb l-Għarab Missilmin, b'tiġrib kbir għal ruħu, huwa baqa' dejjem sħiħ fil-Liġi Nisranija u ħabib ta' Patri Gawdenz.

Barra minn ommu u missieru, Nikol kellu wkoll oħtu li kien jisimha Marija, xebba li fit-tjubija tagħha kienet aħjar minnu; bħalu mżejna bil-għaqal u għall-almu tagħha ħadd ma kien jeħodha. Sabiħa u ħelwa, iżda ftit sewdenija, Marija kienet maħbuba minn kull min kien jafha.

*Kav Joe M Attard – Victoria Għawdex*

# Anton Tabone: *Il-Pont bejn il-Għżira Reġjun u Malta Nazzjon*

## — Ktieb ta' Sergio Grech




Id-dar ewlenija tal-kotba Kite Group għadha kemm ippubblikat il-ktieb Anton Tabone Il-Pont bejn il-Gżira Reġjun u Malta Nazzjon miktub minn Sergio Grech, awtur tal-ewwel ktieb li ppubblikat il-kumpanija msemmija. L-ewwel ktieb kien il-bijografija tat-tabib Alexander Cachia Zammit li ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-qarrejja Maltin.

F'dan il-ktieb il-ġdid Grech jitfa' d-dawl fuq il-ħajja politika ta' Anton Tabone, politiku Għawdxi, li ħajtu ddedikaha biex Għawdex reġjun ikun protagonist fl-ekonomija ta' Malta nazzjon sew meta kien deputat fl-Oppożizzjoni kif ukoll meta kien Ministru għal Għawdex.

Grech juri kif Tabone nqata' sa ċertu punt minn sħabu d-deputati l-oħra tal-Partit Nazzjonalista u ta dimensjoni u tifsira ġdida tal-kelma Għawdex fil-Parlament: l-ogħla istituzzjoni nazzjonali.

Grech jirrakkonta diversi dwelli li Tabone kellu ma' Duminku Mintoff, Anton Buttigieg, Lorry Sant, Pawlu Xuereb u oħrajn għax ħass li Għawdex mhux rispettat u mhux jingħata l-attenzjoni li ħaqqu.

Il-ħidma ministerjali tiegħu kienet importanti biex Għawdex ikollu għadd ta' servizzi ġodda. Saret ħidma biex il-frekwenza tat-traġitti tal-vapur tikber u fuq kollox servizzi li tejbu l-komunikazzjonijiet bejn il-fliegu li ħafna drabi ddeterminaw l-insularità doppja ta' Għawdex. Paradossalment f'dan is-settur 20 sena ilu konna aħjar.

Grech jevalwa kif matul is-snin issarrfet l-idea li l-pajjiż ikollu ministru speċifikament għal Għawdex u jara wkoll kif Għawdex ġie ttrattat fi programmi u manifesti elettorali mill-1921 sal-2017. Din il-bijografija hi xi ftit differenti mill-formula tas-soltu u ma timxix kronoloġikament.

Barra l-bijografija ta' Anton Tabone, il-ktieb hu wkoll bijografija ta' Għawdex. Hu ċ-ċavetta essenzjali għal min irid ikun jaf lil Għawdex politikament.

Il-ktieb ma jonqsux ukoll inċidenti ħelwin u jimla l-vojt dwar temi li f'Malta ftit ingħataw importanza mill-istudjużi Maltin. Pereżempju l-Kunsill Ċiviku. Aspett li jingħata ċertu importanza hu l-Kunsill Reġjonali li llum sar wegħda politika kostanti u li Tabone dejjem ħadem għalih.

## *Ittri/Emails li nirċievu...*

Għażiż Paul, jiena l-aħħar fost l-aħwa BONAVIA, hekk kif issa temm ħajtu bħallum xahar Karmenu li kellu 88 sena u jien qbiżt it-80. Fadal tliet ulied, fosthom ħija l-kbir Ġorġ li kien il-Canada u ħadem ħafna hemmhekk fost il-Maltin u għall-Maltin u l-Malti, b'kull mod li seta' bir-radju, TV, xandir u kitba.
Jien ippruvajt nimxi fuq l-eżempji tagħhom imma mill-Kunvent tal-Kapuċċini, fil-Missjoni (Kenya u Tanżanija għal 20 sena) u f'dak kollu li għamilt Malta wkoll... imma l-aktar fil-qlib tal-Liturġija bil-Malti fis-snin sittin u sebgħin u wara. Ukoll il-kitba f'ġurnali l-aktar bil-Malti, fir-Rivista Dawl Franġiskan, fil-Leħen is-Sewwa dwar il-Papa, il-Ħajja tal-Knisja, u il-Missjoni; u hawn ukoll ktieb bl-Ingliż f'għeluq il-25 sena tal-episkopat tal-Isqof Malti Kapuċċin f'Garissa (1984-2009) dwar il-ħidma Missjunarja tal-Kapuċċini Maltin fil-Kenya. Issa għadu kif ġie ppubblikat dokument twil ħafna maqlub għall-Malti : Mill-Konflitt għall-Komunjoni (70pps qies A4) li jittratta dwar ir-Riforma Luterana u l-ħidma ekumenika f'dan il-qasam illum. U aktar ukoll
Ngħidlek grazzi mill-qalb tal-kitba dwar Karmenu li ntgħoġbot ħafna u kif ikolli ċans naqlibha bl-Ingliż biex nibgħatha lin-neputijiet il-Canada.
Grazzi ferm u nawguralek ħidma kbira b'risq il-Malti fl-Awstralja. Il-Folju tahuli dalgħodu kif kont qed nitkellem ma' Martin Abela, Soċju tal-MUSEUM.
Paul, il-kelma "fosthom" żidtha jien għas-sens
Grazzi mill-ġdid u bil-qalb. Sliem dejjem.

***Patri Silvestru Bonavia, OFM Kap***

Għażiż Paul, Jien inħossni bla kliem wara li rajt il-folju ta' dan ix-xahar. Ninsab grata ħafna għal dak kollu li ppubblikajtli u l-vera nħossni grata umilment minn dak li kitbu dwari Oliver Friggieri u Lina Brockdorff.
Tassew li b'dan il-folju llum 'You made my day'. Inħossni wisq ferhana u grata lejk u lejn dawn sħabna. Tassew inroddilhom ħajr u ser niktbilhom xi ittra biex nerġa' nirringrazzjahom.
Nawguralek il-jum it-tajjeb Paul. Aktar tard matul il-ġimgħa nibgħatlek xi kitba oħra għax-xahar id-dieħel. Il-Folju tagħkom sar appuntament importanti li nistennieh bi ħġari tassew u nirringrazzjak tal-opportunità li tagħtini biex nikteb fuqu. Tassew inħossni grata lejk ħabib.

***Amanda Busuttil***

Għeżież, Ħajr tal-folju letterarju u prosit bħal dejjem għall-kontenut siewi li fih.
Minn qalbi, nirreċiproka l-awguri għal dawn il-festi tant għeżież.
Tislijiet,
***Charmaine Tanti***

Għażiż Paul, Prosit tassew! Folju mimli daqs bajda! U kemm irnexxielek iddaħħal studji u kitbiet oħra fih! Bravu!
Sliem
***Lina Brockdorff***

Għażiż Paul, Grazzi ħafna ta' Il-Folju tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria ta' Diċembru 2017, li għandu aħbarijiet letterarji interessanti li juru kemm l-attivà letterarja fl-Awstralja hija mpulsiva, enerġika, dinamika u pont b'saħħtu bejn Malta u l-Awstralja.
Laqatni ħafna l-artiklu dwar il-Prof. J.J.Cremona, personalità tal-liġi, imma wkoll poeta ta' valur. Dan il-Folju qed jagħmel ġid kbir lill-letteratura Maltija fl-Awstralja.
Indubbjament għoġbuni ħafna l-poeżiji, bil-kredenzjali kollha ta' versi letterarji mill-aqwa, li bagħtlek il-poeta ħabib tiegħi, Charles Mifsud, poeta b'qalb tad-deheb. Ippermettili jekk jogħġbok, nieħu din l-okkażjoni biex nixtieq lilek Paul, u lill-familja tiegħek kollha, Milied Hieni u Qaddis 2017 u Sena Ġdida 2018, mimlija saħħa, sliem u ġid. B'imħabba:

***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Ħajr għall-folju Tal-Grupp Letteratura ta' Melbourne li jasalli dejjem puntwali u jkun mimli tagħrif importanti għal dawk kollha, Maltin jew emigranti, li għandhom l-ilsien tagħna għal qalbhom. Int iżżommna dejjem mgħarrfin dwar dak kollu li jkun jiġri fix-xena letterarja u li forsi, minħabba l-ħajja mgħaġġla li qegħdin ngħixu, ma nkunux intbaħna bih. Komplu sejrin hekk biex il-ħolqa li teżisti bejnna u bejnkom ma tintemmx, anzi tkompli tissoda. Nixtieq lilek u lil familtek, kif ukoll lill-grupp kollu, Milied qaddis u hieni u sena oħra ta' sliem u saħħa u iktar ħidma favur il-Malti. Tislijiet,

***Therese Pace***

Insellimlek Paul. Prosit tal-folju mballat b'tagħrif siewi u grazzi talli għoġbok tippubblikali l-poeżiji. Jekk tkun trid nibgħatlek aktar. U jekk tkun trid fuq xi tema partikolari għarrafni wkoll.
Grazzi mill-ġdid u tislijiet minn Malta lilek u 'l-ħutna Maltin.

***Carmel Mifsud***

Grazzi tal-Folju għażiż Paul. Ħafna wċuħ u vuċijiet differenti jiltaqgħu flimkien fi ftit paġni. Kemm enerġija fi ftit post. Prosit tassew u tislijiet lill-Maltin-Awstraljani kollha.
Awguri għall-Milied u s-Sena l-Ġdida.
***Patrick Sammut***

Għażiż Paul,

Grazzi ħafna tal-ħidma tiegħek b'risq il-Malti matul is-sena kollha.

Nixtieq lilek, lill-familja tiegħek u lill-President, lill-Kumitat u 'l-membri kollha tal-GLM, Milied Hieni u Sena Ġdida mimlija Saħħa u Sliem.

Tislijiet,
Rena Balzan

Għażiż Paul, Ikun dejjem ta' gost għalija meta jasalli t-tagħrif li tibgħatli mill-Awstralja. Nifraħlek u lil sħabek tal-kumitat illi żżommu mixgħula l-imħabba għall-Ilsien Malti minn daqstant bogħod. Timlini kuraġġ ngħidlek is-sewwa, aktar u aktar meta nara saħansitra madwarna hawn Malta stess, li jaħasra għad hawn min hu Malti u għadu ma fehemx sewwa kemm Ilsienna jasal jagħtina identità - ukoll jekk aħna nazzjon ċkejken. Ibqa' ċert li hawn Malta mhux biss il-kittieba tal-Malti, imma kull min jifhem sewwa t-tifsira tal-ħsieb li jiena nħobb insejjaħ "Malta", japprezzaw ix-xogħol siewi tagħkom. Nawguralkom sena mimlija ħafna ħidma ta' fejda; inselli għalik u nixtieqlek ukoll Milied hieni u sena kollha saħħa u hena.
Tislijiet

***Paul P. Borg***